MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 2100/2002/1

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**vs**

**Mario Pickard u Mario Fenech f' isimhom propju u ezercitanti l-kummerc taht l-isem Trattoria Caraffa u b' digriet tat-30 ta' Gunju 2003 giet ordnata l-kjamata in kawza tas-socjetajiet Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, Ideal Dwellings Limited u Ideal Entertainment Limited**

**Il-Qorti,**

Definit l-ewwel aggravju tal-konvenut Mario Pickard bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju 2005, jokkorri li jigi ezaminat it-tieni aggravju tieghu fil-meritu. L-appellant jikkontendi illi in bazi ghad-dokumenti intestati "New Account/Credit Agreement Form", esebiti mis-socjeta`

attrici a fol. 24 u 26 tal-process, kien jidher ben car illi hu ma kienx qed jagixxi f' ismu personali izda bhala direttur tas-socjetajiet "Ideal Dwellings Ltd" u "Ideal Entertainment Ltd";

Ezaminata l-kwestjoni mill-perspettiva ta' dan l-aggravju hu ovvju li dan hu wiehed eminentement ta' fatt. Dan fis-sens illi kellu jkun ovvju, *ex-facie* d-dokumenti relattivi msemmija, illi t-Trattoria Carafa, ghal liema tirreferi l-invoice a fol 2 u 3, kienet gestita mill-kumpaniji suindikati. Dan jidher ben car mill-indikazzjoni ta' isem iz-zewg socjetajiet fuq id-dokumenti NB1 u NB2. Tali kontestazzjoni twassal ghal konsiderazzjoni tad-dritt li jsegwi;

Intqal fis-sentenza fl-ismijiet "**Philip Galea Souchet -vs- Michael Falla**", Appell Kummercjali, 4 ta' Mejju 1973 illi "normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qed jikkontratta ghal haddiehor jew, jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qed jikkontratta ghal haddiehor";

Issokta jigi precizat illi l-presunzjoni affermata fis-sentenza appena accennata kienet pero` wahda *juris tantum* u allura tammetti l-prova kuntrarja. Prova din li kienet tispetta lil persuna li kien qed jidher f' isem u ghan-nom ta' persuna ohra. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkuntratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat" - "**Lawrence Formosa *nomine et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Mhux bizzejjed allura li l-appellanti jistrieh fuq is-semplici dikjarazzjoni tieghu illi hu qatt ma nnegozja mas-socjeta` attrici f' ismu personali (ara xhieda tieghu, fol. 32). Hu htieglu li manifestament jipprova dan l-istess assunt tieghu. Prova din li l-appellanti adegwatament

iddisimpenja, anke ghaliex, kif rilevat, kien jidher apparenti mid-dokumenti illi l-istess socjeta` attrici appellata kienet konxja illi l-kontrattazzjonijiet saru mas-socjetajiet rapprezentati mill-konvenut appellanti u mhux mieghu personalment;

Kompriz f’ dan l-isfond l-aggravju jidher *prima facie* fondat. Ciononostante, is-socjeta` attrici appellata, fit-twegiba taghha ghar-rikors ta’ l-appell, ukoll tikkampa ruhha fuq il-kontenut ta’ l-istess dokumenti li fuqhom l-appellant jargina l-gravam tieghu. Effettivament hi tirrikjama l-attenzjoni ghad-dikjarazzjoni espressa fiz-zewg dokumenti li testwalment tipprovdi dan: “*I undertake personal responsibility, jointly and severally with the debtor, for any unpaid balances …*”. Tali dikjarazzjoni hi sottoskritta mill-appellanti anke jekk dan jissuggerixxi fil-kors tat-testimonjanza tieghu illi l-firma fuq id-dokument a fol. 24 tixbah biss lil dik tieghu, u anzi jeskludi li kienet tieghu (fol. 33). F’ dan il-kuntest il-Qorti tinnota li l-appellant ma nsistiex ghall-perizja kalligrafika u ghalhekk din il-parti tad-deposizzjoni tieghu fuq ir-riljiev propost minnu ma jistax jittiehed bid-dovuta serjeta;

Indubbjament, in vista tal-premess, it-terren tad-dibattitu jiehu zvolta ohra. Hi ligi dettata mill-Artikolu 1096 tal-Kodici Civili illi “l-kreditur jista’ jdur kontra kull min irid mid-debituri *in solidum*, b’ ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista’ jopponi l-beneficcju tal-qsim ta’ l-obbligazzjoni”. Rigwardata allura mill-ottika ta’ din id-disposizzjoni l-appellanti ma jistax jirnexxi fid-difiza sostenuta bl-ewwel eccezzjoni illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur. Certament ghal finijiet tal-hlas pretiz mis-socjeta` attrici kreditrici hu kien wiehed minn dawk li kellu jaghmel tajjeb ghad-debitu reklament;

Is-solidarjeta` titwieled jew ghax espressament provvdut mil-ligi jew bil-volonta` tal-partijiet (Artikolu 1089, Kodici Civili). Il-presuppost ta’ l-obbligazzjoni solidali huma (a) pluralita` ta’ soggetti, (b) l-*idem debitum*, ossija l-istess

prestazzjoni (Artikolu 1094), anke jekk ikunu jezistu modalitajiet diversi fil-kaz ta' whud mill-kondebituri (Artikolu 1095), diretta ghas-sodisfaciment ta' l-istess interess kreditarju, u (c) l-*eadem causa obligandi*. Dawn il-presupposti huma lkoll konfluwiti f' dan il-kaz, u kollegati b' mod li jiswew biex jaghtu lill-fattispeci kumpless unitarju;

Anke jekk is-socjetajiet gew eventwalment imsejha fil-kawza l-gudizzju kien diga integru in bazi ghall-obbligazzjoni solidali assunta mill-appellanti personalment. Kif spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "**Anthony Azzopardi *et* -vs- Calcedonio Attard *et***", Appell, 27 ta' Jannar 1997, "is-solidarjeta` ma tfisserx illi xi debituri jistghu jigu eskluzi mid-dritt ta' difiza jew jigu pregudikati bl-ezercizzju tad-dritt tal-kreditur li jagixxi kontra debitur iehor minnu maghzul u mhux kontra taghhom, solidalment maghhom obbligat. Tfisser biss illi kull wiehed mid-debituri jkun obbligat li jaghmel tajjeb ghad-debitu shih favur il-kreditur li jkun allura jista' gudizzjarjament jagixxi biex jesigi l-pagament minghand wiehed mid-debituri tieghu, ad eskluzjoni ta' ohrajn". Ghamel sewwa allura t-Tribunal f' dan il-kaz li laqa' t-talba ghas-sejha fil-kawza tas-socjetajiet indikati. Socjetajiet dawn li, flimkien mal-konvenut l-iehor Mario Fenech, akkwietaw ruhhom ghas-sentenza appellata. In bazi ghas-suesposti konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma ssibx raguni biex, kif mitlub mill-appellanti, tirrevoka l-istess sentenza minnu denunzjata.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, riferibilment ghall-kap taghha fil-meritu devolut lil din il-Qorti, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------